**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Rikors Nru.: 101/2017**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali 166A numru 509/09 fl-ismijiet:**

**Sergio Sciberras (96071M)**

**Vs**

**Jason Cutajar (556079M)**

**Reza Ezekuttiva fit-13 ta' Marzu 2009.**

**Illum 10 ta' Mejju, 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Sergio Scibberasipprezentat fit-30 ta' Marzu, 2017 a ternur tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn esponiet :

"Illi permezz ta' ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A ipprezentata fid-29 ta' Jannar 2009 bin-numru 509/09 fl-ismijiet premessi liema ittra giet reza ezekuttiva fit-13 ta' Marzu 2009 fil-konfront tal-intimat, ir-rikorrenti gie kanonizzat bhala kreditur tal-intimat fis-somma ta' hdax-il elf u sebghin Ewro (€11,070) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-istess intimat.

Illi d-dejn hawn fuq indikat ghadu dovut mill-intimat lir-rikorrenti fl-intier tieghu u peress li ghaddew aktar minn hames snin mid-data tal-ezekuzzjoni tal-imsemmija ittra ufficjali, tinhtieg l-awtorizzazzjoni tal-Onorabbli Qorti sabiex ir-rikorrenti jkun jista' jezegwixxi t-titolu ezekuttiv ottenut minnu;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti qieghed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottenut permezz tal-ittra ufficjali bin-numru 509/09 mir-rirkorrenti kontra l-intimat, salv kull provvediment iehor li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat illi nhar is-26 ta' April, 2017 deher Dr. Timothy Bartolo li pprezenta nota ta' ammissioni f'isem l-intimat Jason Cutajar.

**Ghaldaqstant din il-Qorti in vista tan-nota pprezentata minn Dr. Timothy Bartolo qeghda tilqa' t-talba rikorrenti u tawtorizza l-ezekuzzjoni tat-titolu esekuttiv tal-ittra ufficcjali bin-numru 509/09.**

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-intimat.**

Dr. C. Scerri Herrera LL.D.

Magistrat